MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 97/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Christopher CASSAR [ID. Nru. 220674M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tmien mija u seba' euro u sebgha u hamsin centezmu ta' euro [€807.57c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' tmien mija u seba' euro sebgha u hamsin ċenteżmu (€807.57) skont prospett hawn anness u markat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-televizjoni, numru tal-kont A/C 80019023, moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-21 ta' Gunju, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attriċi m'huwiex dovut lilha, billi ma gie prestat l-ebda servizz kif qed jiġi allegat".

Ra l-verbali datati 19 ta' Frar, 2013 u 11 ta' Marzu, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija u seba' euro u sebgha u hamsin centezmu ta' euro [€807.57c] minghand l-intimat u dan in konnessjoni ma servizz televiziv provdut mis-socjeta Multiplus Limited, l-awtur tas-socjeta rikorrenti. L-intimat da parti tieghu jghid li l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti ma huwiex dovut billi ma gie prestat l-ebda servizz lilu kif qieghed jiġi allegat.

2. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f'dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

i. Fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 **xehdet Simone Ellul**, *credit officer* mas-socjeta rikorrenti li esebiet zewg dokumenti:

a) kuntratt datat 20 ta' Dicembru, 2005 iffirmat bejn is-socjeta Multiplus Limited u l-intimat (dok. SE 1 a fol. 15) u

b) *Statement of Account* sad-data ta’ meta xehdet. Fih hemm indikat illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tmien mija u sebgha ewro u sebgha u hamsin centezmi tal-ewro (€807.57c).

Ix-xhud kompliet tghid li sa meta kien beda s-servizz l-intimat kien inghata dak li jissejjah *silver service.* Fl-erbatax (14) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) kien gie *upgraded* ghal *gold service*. Tkompli tghid li fl-erbatax (14) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) fil-fatt kien hallas il-kontijiet kollha pendenti li kellu sa dakinhar l-intimat u mbaghad applika ghal *gold service* u fil-fatt minn hemm gie *upgraded.* Tistqarr pero li fin-notamenti hija ma ghandhiex li kien hemm xi applikazzjoni min-naha tal-intimat biex jigi *upgraded* ghal *gold service* izda kompliet tghid li hija tifhem li l-intimat ghamel talba f’dan is-sens.

In kontro-ezami, x-xhud esebiet dokument li gie mmarkat bhala dokument SE3, liema dokument hija gabet id-dettalji li xehdet dwarhom fis-seduta.

ii. Fis-seduta ta’ l-4 ta’ Dicembru, 2012 kompla l-kontro-ezami ta’ Simone Ellul. Bdiet biex tghid li hi qatt ma kienet impjegata tas-socjeta Multiplus Limited, liema socjeta kienet giet akkwistata mis-socjeta rikorrenti fis-sena elfejn u sebgha (2007). Ix-xhud ghaddiet biex esebiet dokument li gie mmarkat bhala dok. ES1 (fol. 23) datat 13 ta’ Frar, 2007, mill-liema dokument jirrizulta li kien sar *company announcement* mis-socjeta rikorrenti li hi kienet qeghda takkwista s-socjeta Multiplus Limited. Ziedet tghid ukoll li s-socjeta minnha rappreżentata kienet baghtet ittra lill-klijenti tal-Multiplus fejn infurmathom li s-socjeta’ Multiplus kienet saret parti mill-Maltacom Group. Ix-xhud ghaddiet biex esebiet tali ittra li ggib id-data 20 ta’ Marzu, 2007 (dok. ES 2 a fol. 24).

B’referenza ghall-*customer contract* li hemm a fol 15 tal-process immarkat bl-ittri SE1, ix-xhud qalet li l-ftehim datat 20 ta’ Dicembru 2005 huwa ffirmat mas-socjeta Multiplus Limited u mhux mas-socjeta rikorrenti GO p.l.c. Mistoqsija jekk kienux jiġu rrekordjati t-telefonati li kienu jsiru mill-

klijenti lilhom fuq *company business* hija qalet li hi ma tafx x'kien jiġri f'dak iz-zmien pero' qalet li jekk ikun hemm xi kommunikazzjoni mill-klijent lejn il-kumpanija jew mill-kumpanija lejn il-klijent dawn kienu jigu *minuted* kif hemm imsemmi u kif jirrizulta ahjar mid-dokument immarkat bhala SE 3 a fol 17 tal-process.

Mistoqsija xi jfissru l-kliem *miscellaneous charge* li hemm fuq id-dokument A (a fol. 3) tal-process, ix-xhud qalet li l-ammont ta' €130.44c bid-data 4 ta' Dicembru, 2008 jirreferi ghac-*charges* ta' zewg *decoders* liema *decoders* ma gewx ritornati mill-intimat. Tkompli tghid ix-xhud li l-kelma *charges* qed tirreferi ghall-*equipment*. Tghid ukoll li s-socjeta rikorrenti ma ghandna l-ebda *record* li gew ritornati dawn id-*decoders* '*on suspension of service*' u allura dawn ic-*charges* jkunu '*for the non return of the equipment*'. Tghid li meta kienu jigu ritornati l-oggetti anki s-socjeta Multiplus kienet tindika dan il-fatt. Fil-kaz odjern, dan in-notament ma jezistiex. Fil-fatt tghid li lanqas is-socjeta minnha rappreżentata ma ghandha notament li dawn id-*decoders* gew ritornati lilha.

iii. Fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2013 **xehed l-intimat Christopher Cassar**. Beda biex qal li huwa kien talab servizz ta' televizjoni minghand is-socjeta Multiplus Limited b'zewg *decoders* u fil-fatt huwa nghata zewg *decoders*. Qal li jekk mhux sejjer zball is-servizz kien beda f'Dicembru 2006 u dam jutilizza dawn is-servizzi tas-socjeta Multiplus Limited ghal madwar sena u xahar. Huwa kien imur ihallas ghal dawn is-servizzi fil-fergha tal-Maltapost gewwa Cospicua. Huwa qal li rrizultalu li l-flus mill-Maltapost ma kienux qeghdin imorru ghand is-socjeta Multiplus Limited u meta skopra dan, huwa kien jaqbad l-ircevuta li jkun inghata mill-Maltapost u kien imur fl-ufficini tal-Maltapost gewwa Portomaso. Sussegwentement, huma kienu jnaqqsulu l-ammont li jkun hallas mill-kont tieghu. In sosten ta' dan, l-intimat jaghmel referenza ghad-dok. SE 3 (fol. 17) fejn hemm il-kliem "*Client is saying that he already paid bill no 11520 (Lm28.01) on 29/03/06 at Maltapost - Cospicua*" ma gemb id-data 24 ta' April, 2006.

L-intimat qabel mal-fatt li s-servizz moghti lilu mis-socjeta Multiplus Limited gie *upgraded* ghall-*Gold* izda jzid ighid li huwa qatt ma ghamel din it-talba. Anzi huwa kien infurmahom li jekk il-kontijiet tieghu ma jkunux jistghu jithallsu *online* allura huwa kien ser iwaqqaf is-servizz. Fil-fatt, l-intimat ighid li peress li dak li talab – u cioe li huwa jibda jhallas *online* – ma sehhx, allura huwa waqqaf is-servizz. Di fatti ha z-zewg *set top up boxes* li kellu fl-ufficini tas-socjeta Multiplus gewwa Portomaso u x'hin mar hemmhekk huwa sab ragel wiehed biss il-ghaliex il-kumpanija Multiplus kienet qeghda taghlaq. Lil dan ir-ragel, li l-intimat ma jafx x'jismu, staqsieh kif kien ser jaghmel biex ikollu xi tip ta' dokument li juri li huwa kien irritorna lura dawn iz-zewg *set top up boxes* u skond l-intimat, dan ir-ragel qallu sabiex jikteb ismu u kunjomu flimkien man-tal-karta ta' l-identita fuq bicca karta u dan sabiex is-socjeta' Multiplus tkun taf ta' min huma.

B'referenza ghall-dawn iz-zewg *set top up boxes* l-intimat ighi dli huwa ma kellhu jiehu xejn taghhom minkejja li kien irritornahom l-ghaliex hekk kien il-ftehim fil-bidu.

Sussegwentement beda jircievi l-kontijiet minghand is-socjeta' rikorrenti. Huwa kien icemplilhom u kien jghidilhom li huwa ma ghadx ghandu s-servizz li kien applika ghalih mal-Multiplus u li ghalxejn kienu qeghdin jibghatulu l-kontijiet. Fil-fatt ighid li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti l-ghaliex is-servizz li huwa kien ha minghand is-socjeta Multiplus Limited gie terminat fil-bidu tas-sena 2007.

Zied ighid li minkejja li huwa ma kellu l-ebda kont pendent mas-socjeta Multiplus huwa xorta wahda kien ircieva ittra minghand is-socjeta rikorrenti fejn gie nfurmat li hi kienet akkwistat is-socjeta Multiplus Limited.

L-intimat ighid li tant ma kellux jghati lis-socjeta rikorrenti ghall-servizzi moghtija lilu mis-socjeta Multiplus Limited illi wara li ttermina dan is-servizz, huwa xorta wahda baqa juza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti ghar-rigward tal-linja tat-telefon tieghu. Dan il-kont (tal-linja tat-telefon) huwa dejjem hallsu.

Ikkunsidra;

3. Inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[1].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[2].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik

---

[1] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;
[2] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[3].

4. It-Tribunal ma huwiex konvint mill-provi mressqa mis-socjeta rikorrenti f'dan il-kaz. Jekk verament l-intimat kien qieghed juża s-servizzi li kienet ipprovdietlu s-socjeta Multiplus Limited wara li hija hadet il-gestjoni ta' din l-istess soċjetà, l-inqas haġa li setat ghamlet kien li turi a sodisfazzjoni ta' dan it-Tribunal li l-intimat verament kien qieghed jaghmel uzu minn dan is-servizz. Irrizulta li s-socjeta rikorrenti kienet fit-13 ta' Frar, 2007 baghtet ittra lill-klijenti kollha li "*Following the signing of a share purchase agreement, Maltacom p.l.c. announces that it has acquired the entire shareholding in the local Digital Terrestrial Television (DTTV) network operator Multiplus Limited*" (dok. ES 1 a fol. 23). Skond l-i*statement* esebit mis-socjeta rikorrenti (dok. A a fol. 3) jirrizulta li hija kienet qeghda titlob ir-renta ghal perjodu 19 ta' Lulju, 2007 sal-4 ta' Dicembru, 2008. Mela allura l-istess soċjetà rikorrenti setat faċilment ġabet prova li l-intimat kien qieghed jaghmel xi uzu mis-sistema permezz ta' prova teknika, haġa li l-istess soċjetà rikorrenti ma ghamlitx.

5. Ghar-rigward ta' l-ammont ta' €226.65c li huwa ndikata bhala "*debit bal BF - Multiplus*" (dok. A a fol. 3), it-Tribunal ukoll ma huwiex sodisfatt mill-provi mressqa. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-versjoni moghtija mill-intimat u cioe li huwa kien ihallas l-istess ammonti. B'referenza ghall-ammont ta' €130.44c irriżulta mix-xhieda ta' Simone Ellul, rappreżentanta tas-socjeta rikorrenti li dan l-ammont kien dovut mill-intimat ghan-nuqqas tieghu li jirritorna lura żewġ *set top box*. Hawn ukoll it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda

[3] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

ta' l-intimat meta huwa qal li rritorna l-istess *decoders* f'Jannar 2007 u li huwa ma nghata l-ebda riċevuta ghal istess.

6. Ghal kompletezza, anke jekk ma hemmx eċċezzjoni formali f'dan is-sens, jinghad li s-socjeta rikorrenti lanqas ma ġabet prova li l-kreditu allegatament dovut lill-Multiplus Limited mill-intimat gie cedut lilha skond il-ligi.

7. Ic-cessjoni ta' krediti hi regolata mill-Artikoli 1469-1484 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Negozju li permezz tieghu l-kreditur (cedent) jittrasferixxi d-dritt tal-kreditu lil terz (ic-cessjonarju), u bhala negozju jidhol fil-kategorija ta' atti ta' aljenazzjoni.[4], L-awtur **C. Massimo Bianca** jghid hekk: "*la cessione ha per oggetto il trasferimento di un diritto di credito. Sotto questo riguardo il negozio si differenzia rispetto alla cessione del contratto, la quale ha per oggetto il trasferimento di un rapporto contrattuale a prestazioni non ancora eseguite, ossia la complessiva posizione di diritti ed obbligi scaturenti dal contratto. In quanto la cessione del contratto comporta la sostituzione della parte tenuta all' esecuzione del rapporto essa richiede il consenso della parte ceduta. Questo consenso non e' invece di regola necessario per la cessione del credito poiche il cedente aliena una semplice pretes creditoria, e per il debitore ceduto e' normalmente indifferente eseguire la prestazione ad un nuovo avente diritto*".

8. Skond l-artikolu 1470 tal-Kap. 16 "*ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub*". Kitba li hi mehtiega mhux *ad probationem tantum izda ad solemnitatem*[5]. Fil-kawza fl-ismijiet **Mary Fenech et vs Carmelo Ellul et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Gunju, 1990 inghad illi "*Hija gurisprudenza ormai pacifika li **biex ikun hemm cessjoni ta' dritt**, inkluz anki d-dritt ta' inkwilinat, **jehtieg li c-cessjoni ssir bil-miktub***". Inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Rita**

[4] Diritto Civile Volum IV L'Obbligazione, pagna 571, Dott. A. Giuffre' Editore, 1993

[5] **Carmela Cassar vs Francesco Spiteri** App. Civ., 27 ta' Mejju, 1946 – Vol. XXXII/i/620;

**Pirotta vs Simone Carbonaro** deciza fis-17 ta' Novembru, 2004 illi "*Gustament fuq dan il-punt l-ewwel Qorti rrilevat illi legalment ma setax kien hemm cessjoni vera u proprja tal-kirja in kwantu fis-sens strett tal-Kodici Civili jinsab kontemplat illi gjaladarba c-cessjoni hija bejgh ta' kreditu, ta' jedd jew ta' azzjoni (Artikolu 1469 tal-Kap. 16), dak il-Kodici jesigi "ad validitatem" li c-cessjoni ssir bil-miktub (Artikolu 1470 tal-Kap. 16), oltre li jrid ukoll ikun hemm korrispettiv li hu rekwizit essenzjali ta' kull xorta ta' bejgh u ta' assenjazzjoni*".

9. Mill-atti processwali ma jirriżultax li s-socjeta rikorrenti resqet xi prova li kien hemm cessjoni ta' kreditu da parti tal-awtur tas-socjeta rikorrenti lilha ghajr ghall-ittra datata 20 ta' Marzu, 2007 immarkata bhala Dok. ES 2 a fol. 24 tal-process, liema ittra hija ntitolata "*Multiplus ssir parti mill-Maltacom Group*". Minn din l-ittra jirrizulta li "*Ftit taz-zmien ilu l-Maltacom Group habbar ix-xiri ta' l-ishma kollha tal-kumpanija Mutliplus Ltd. Ix-xiri tal-Multiplus jaghmel parti mill-pjantijiet taghna biex nibqghu fuq quddiem fis-settur tat-telekomunikazzjoni*" (fol. 24). Issa kif tghid u trid il-ligi, din l-ittra mhux bizzejjed biex it-Tribunal ikun konvint li tali cessjoni effettivament sehhet.

10. In oltre, anke bis-sahha ta' l-artikolu 1471 tal-Kap. 16 "*ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b'att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent*". L-eccezzjoni ghal din ir-regola tinsab fl-artikolu 1473 tal-Kap. 16 li jghid "*it-taghrifa mhix mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-cessjoni*". Issa f'dan il-kaz, mill-provi jirrizuta li l-intimat qatt ma accetta tali cessjoni anzi dejjem cempel lill-*credit control* tas-socjeta rikorrenti u kien jghidilhom li huwa ma ghadx ghandu s-servizz li kien applika ghalih mal-Multiplus u li ghalxejn kienu qeghdin jibghatulu l-kontijiet ghax huwa ma kellhu jaghti xejn. Dan il-fatt ma jistax jikkwalifika bhala accettazzjoni ghall-finijiet ta' l-artikolu 1473 tal-Kap. 16.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa r-risposta ta' l-intimat safejn din hija kompatibbli ma dak hawn fuq riportat, qieghed jghaddi

biex jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------